MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 40/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali**

**Vs**

**Neville Attard (ID 1274(M) )**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li permezz tieghu r-rikorrenti wara li ppremetta illi permezz ta’ sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Avialinks Enterprises Limited vs Mark Mallia (Avviz nru 106/03DM) deciza fil-15 ta’ Lulju 2003 l-esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fl-ammont ta’ Lm2151.13 (elfejn mija wiehed u hamsin lira Maltin u tlettax il-centezmu) bhala sorte, Lm291 (mitejn u wiehed u disghin lira maltin) bhala spejjez oltra l-imghax fuq is-sorte b’effett mit-2 ta’ Awissu 2002.

Illi permezz tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju fl-ismijiet premessi, mahrug fis-17 ta’ Frar 2003, fuq talba tas-socjeta Avialinks Enterprises Limited, kienu inqabbdu diversi oggetti minghand l-intimat (kopja tal-mandat annessa mar-rikors Dok A).

Illi sussegwentement wara s-sentenza fuq imsemmija, fis-27 ta’ Awissu 2003 is-socjeta Avialinks Enterprises Limited kienet talbet sabiex tigi awtorizzata televa l-oggetti maqbuda permezz tal-mandat u dan sabiex l-istess oggetti jitpoggew taht il-kustodja ta’ certu Mario Attard Flores, liema talba kienet intlaqghet kif jidher minn Dok B anness mar-rikors.

Illi meta l-Marixxall ezekutant fit-13 ta’ Ottubru 2003 mar sabiex jeleva l-oggetti maqbuda kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar modalita ta’ pagament u ghalhekk l-elevazzjoni giet sospiza (riferta tal-marixxall Dok C).

Illi sussegwentement Mark Mallia ma baqax jonora il-ftehim u ghalhekk, mill-gdid fis-26 ta’ Marzu 2004 is-socjeta Avialinks Enterprises Limited kienet talbet li jigu elevati l-oggetti maqbuda, pero din id-darba bhala konsenjatarju kien inhatar Aron Degiorgio, u meta il-Marixxal mar sabiex jaghmel l-elevazzjoni fid-19 ta’ April 2004, id-debitur Mark Mallia kien gab lill-certu Neville Attard bhala konsenjatarju u l-oggetti maqbuda tpoggew taht il-kustodja tieghu fil-fond Blk C, Flat 6, Makku Court, Triq il-Port Ruman, Qawra (kopja tar-rikors u riferta annessi mar-rikors Dok D u Dok E rispettivament).

Illi fil-31 ta’ Mejju 2004 is-socjeta Avialinks Enterprises Limited talbet il-bejgh fis-subbasta tal-oggetti maqbuda permezz tal-mandat ta’ qbid, liema subbasta kienet giet appuntata ghat-12 ta’ Ottubru 2004 pero din ma setghetx issir peress illi skond ir-riferta tal-Marixxall l-intimat Mark Mallia kien “moved” u flok Neville Attard fil-post indikat sab nies ohra (kopja Dok F).

Illi, skond rapport tal-Marixxall ezekutant datat 7 ta’ Novembru 2005 (kopja annessa mar-rikors Dok G) huwa kien irnexxilu jsib lil Neville Attard, izda irrisultalu li l-

oggetti maqbuda li kienu tpoggew taht il-kustodja tieghu fil-fond Blk C Flat 6, Makku Court, Triq il-Port Ruman, Qawra, ma kienux ghadhom hemm u li kienu ttiehdu f'indirizz iehor ghand individwu iehor li la huwa awtorrizat u lanqas ma huwa maghruf, u dan minghajr ma avza u wisq anqas minghajr ma talab awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi, oltre dan ,il-Marixxall esekutant gie nfurmat minn Neville Attard, li din il-persuna li ghandha kienu l-oggetti maqbuda ma tridx taghtih l-istess oggetti, peress li din il-persuna hija kreditur tal-imsemmi Neville Attard.

Illi dan l-agir tal-konsenjatarju Neville Attard huwa illegali w oltre milli serva sabiex il-kreditu tas-socjeta' Avialinks Enterprises Limited jigi illegalment skartat, jikkonsistwixxi disprezz flagranti lejn l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi permezz ta' rikors intavolat fis-27 ta' Jannar 2006 (Dok H), is-socjeta' Avialinks Enterprises Limited talbet lill-Qorti sabiex tordna li jittiehdu fil-konfront ta' Neville Attard ta' 65, Sliema Road, Gzira, il-proceduri kollha kontempati fil-ligi ghall-disprezz lejn l-Awtorita' tal-Onorabbli Qorti.

Illi permezz ta' Ordni ta' dina l-Qorti datat 30 ta' Jannar 2006, gie ordnat illi jittiehdu proceduri ta' dispress fil-konfront ta' Neville Attard.

Illi ghalhekk saret dina l-kawza.

Talab bil-qima sabiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Issib lill-intimat hati ta' disprezz ghall-Awtorita' taghha a tenut tal-Artikolu 1003A u 997 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. Tikkundanna lill-istess intimat ghall-pieni preskritti mill-Ligi fl-istess artikoli fuq imsemmija;
3. tordna lill-konvenuta sabiex jaghmel dak kollu necessarju sabiex jirrimedja ghan-nuqqas tieghu, meta kien mahtur bhala konsenjatarju ai termini tal-Ligi.

Bl-ispejjes kollha kontra l-istess konvenuta illi giet ingunta ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma tidhirx hija tista tigi mgieghla twiegeb ghall-akkuzi migjuba kontriha bil-mezz tal-mandat ta' skorta jew arrest.

Rat il-lista ta' xhieda u dokumenti annessa a fol 4 tal-atti.

Rat id-dokumenti annessi minn fol 5 sa fol 24 tal-istess atti inklus id-digriet moghti minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, a fol 24 ibid.

Rat l-intimat gie debitament notifikat skond l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (fol 37, fol 38, fol 41 u fol 46 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti specjalment dak verbalizzat a fol 47, l-intimat, avolja notifikat skond il-ligi bir-rikors promotur, ma deherx quddiem din il-Qorti sabiex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti. Lanqas ma ssottometta nota tal-eccezzjonijiet bil-miktub.

Ikkunsidrat

Illi da parti tal-istess rikorrenti gie pprezentat "affidavit" (fol 49 ibid) tal-Marixxal tal-Qorti, Louis Muscat u dan ikkonferma, taht gurament, illi fl-14 ta' Marzu 2004, hu kien esegwixxa mandat ta' qbid u qabad, prezenti d-debitur, l-oggetti elenkati fl-istess xhieda u hatar bhala konsenjatarju lill-persuna migjuba mill-istess debitur ossija lill-intimat Neville Attard. Sussegwentement, pero, meta l-istess Marixxal kien mar sabiex jeleva l-istess oggetti maqbudin minghand il-konsenjatarju/intimat fl-indirizz fejn dan kellu jzomm l-istess oggetti hu ma kienx sabu "...peress li kont informat li kien telaq minn hemm". Minhabba dan il-fatt, l-oggetti ma gewx elevati mix-xhud. Jigi rilevat illi, fir-rikors promotur, li ma giex kontestat mill-intimat, jinghad illi l-Marixxal Joseph Azzopardi (ara l-anness "Dok G" a fol 20 u fol 21 ibid) kien sab lill-istess

konsenjatarju u skopra illi l-istess oggetti kienu ittiehdu f'post iehor "… ghand individwu iehor" minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti. Inoltre l-istess konsenjatarju kien informa lil dan il-Marixxal illi "… din il-persuna", kreditur tal-intimat kienet qed tirrifjuta illi "… taghtih l-istess oggetti"

Ikkunsidrat

Illi l-agir tal-konsenjatarju, f'dan l-kaz, hu illegali, b'mod car u evidenti u bhala konsegwenza tieghu ma setghux jitkomplew il-proceduri, skond il-ligi, sabiex is-socjeta' kreditrici msemmija, fl-istess rikors, tkun tista' tirkupra l-kreditu taghha permezz tal-bejgh bis-subasta tal-oggetti maqbudin.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u :

1) Issib lill-intimat hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti u dan skond l-artikoli 997 u 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2) Tikkundanna lill-istess intimat ghall-piena ta' €1164.69 bhala multa u ekwivalenti ghal Lm500
3) Tordna lill-intimat sabiex jaghmel dak kollu necessarju sabiex jirrimedja ghan-nuqqas tieghu meta kien gie nominat konsenjatarju, skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li l-ispejjes kollha ta' din il-procedura jithallsu mill-istess intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------